Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri – Ghawdex)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Il-Gimgha, 8 ta' Lulju 2016.

Appell numru: 404/2015

**Maria Gloria Farrugia** **(appellata)**

**Vs**

**Registratur tal-Qrati u Tribunal (Ghawdex)** **(appellanti)**

1. L-appellanti appellat mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) li biha laqghet ir-rikors li pprezentat l-appellata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12.

2. Permezz ta' ittra ufficjali prezentata fl-10 ta' Gunju 2015 (fol. 15), l-appellanti sejhet lill-appellata thallas is-somma ta' €510.14, bilanc ta' dritt tar-Registru fir-rigward tal-kawza **Josephine Masini et vs Dionysius sive Denis Borg**, deciza fid-29 ta' Novembru 2002.

3. L-appellata ppproponiet proceduri skont l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 fejn argumentat li t-talba tal-appellanti kienet preskritta skond l-Artikolu 2156(g) tal-Kap. 12 u li f'kull kaz l-ammont ma kienx dovut.

4. B'decizjoni tal-15 ta' Dicembru 2015, il-qorti cahdet it-tezi tal-appellata li l-pretensjoni tal-appellanti kienet preskritta. Dwar il-meritu ddecidiet li l-ammont pretiz ma kienx dovut wara li osservat: *"…. ma tqisx li tressqu bizzejjed provi sal-grad rikjesti mil-ligi sabiex jevidenzjaw li l-ammont huwa verament dovut jew li ma thallasx u ghalhekk it-tieni eccezzjoni mqajjma mir-rikorrenti ser tigi milqugha."*

5. L-appellanti appellat u l-aggravju hu fir-rigward ta' dik il-parti tad-decizjoni li titratta l-meritu. L-appellanti ssostni li l-appellata kellha l-oneru li taghti prova

li hallset l-ammont pretiz. L-appellata ma ressqet l-ebda prova li hallset id-dejn.

6. L-appellata wiegbet li ma nghatat l-ebda raguni ghalfejn din il-qorti ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-ewwel qorti, u d-decizjoni kellha tigi kkonfermata.

7. Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:

   i. Irrizulta li l-appellata kienet wahda mill-atturi fil-kawza 193/1997 deciza fid-29 ta' Novembru 2002 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Superjuri.

   ii. F'dikjarazzjoni guramentata mehmuza mal-ittra ufficjali tal-10 ta' Gunju, 2015, notifikata lill-appellata fit-18 ta' Gunju 2015, l-appellanti ddikjarat li l-hlas kien ghadu ma sarx.

   iii. L-appellata ma tatx prova li l-hlas kien sar. Mir-rikors promotur mhuwiex car, fil-meritu x'kienet qeghdha ssostni l-appellata. Apparti l-preskrizzjoni qalet: *"Fi kwalunkwe kaz l-ammont mhuwiex dovut mill-esponenti,"* minghajr ma qalet ghalfejn.

   iv. Meta xehdet qalet biss li sa fejn taf hi *"kollox kien clear"* (fol. 6). Kompliet tghid, *"Ahna ma kellna nhallsu xejn as far as I know."* Kliem li baqghet tirrepeti. Dikjarazzjonijiet li m'humiex prova sodisfacenti li sehhet l-estinzjoni tal-obbligazzjoni bil-hlas. Jekk l-appellata qeghdha ssostni li halset id-dejn, kellha taghti prova konvincenti. Min-naha taghha l-appellanti xehedet:

   > *"Ma kinux jinzammu records kif jinzammu llum . Pero' l-fatt li ghadhom imnizzlin bhala due fis-sistema taghna, ma jkunux thallsu. Minn dik nistghu nassiguraw. M'iniex qed nghid li ma jistax ikun hemm zball imma fil-maggoranza zgur li hekk. Jekk ghadhom imnizzlin bhala due dak ghax ahna kull sena nirraportaw fuqhom. Ifhimni. Anke bhala arrear of revenue tal-qorti. Kieku thallsu mhumiex imnizzlin."*

   Hu veru li l-appellanti m'eskluditx li jkun hemm zball, pero' m'hemmx provi li setghu jwasslu lill-qorti tikkonkludi li probabbilment kien sar zball. L-appellanti semmiet biss possibilita' ta' zball. L-istess xhud ikkonfermat li skont ir-records tal-amministrazzjoni tal-qorti, il-hlas ghadu dovut. Din hi prova li probabbilment il-hlas ma sarx. Imbaghad l-oneru kien fuq l-appellata li taghti prova li l-hlas sar. Dak li xehdet l-appellata mhuwiex prova li d-dejn thallas. L-uniku dokument li

pprezentat l-appellata kien kont tad-difensur taghha u tal-atturi l-ohra fil-kawza fuq imsemmija. Pero' dan kien ghad-dritt tal-avukat ghal xoghol mhux gudizzjarju (fol. 9). Ittra li m'ghandha x'taqsam xejn mad-dritt tar-Registru, meritu ta' dawn il-proceduri. Inoltre, ghalkemm kien biss fl-2015 li l-appellant talbet hlas li sar dovut fl-2002, dan il-fatt mhuwiex presunzjoni li l-hlas sar.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tvarja d-decizjoni tal-ewwel qorti tal-15 ta' Dicembru 2015 fis-sens li dwar il-meritu tichad it-talba tar-rikorrenti (appellata) maghmula bir-rikors li pprezentat fit-18 ta' Gunju, 2015. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-appellata**.

]

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur